**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 17 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 115/2022**

**Alfred Felice**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Alfred Felice** ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2022, li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

*Illi, l esponent jaħdem bħala impjegat ma' INDIS Malta Ltd, kumpanija parastatali, li tieħu ħsieb proprjetajiet u parks governattivi;*

*Illi, l esponent applika sabiex tinħareġ lilu liċenzja ta` Gwardjan Privat, billi applika mal-konvenut Kummissarju tal-Pulizija sabiex tinħariġlu tali liċenzja, u dan stante li s-soċjeta li tħaddmu, tista jkollha bżonn s-servizzi tal-esponent billi tallokalu xogħol li jkun jeħtieġ tali liċenzja;*

*Illi tali applikazzjoni (referenza: PG/1056/2022) ġiet irrifjutata permezz ta' notifika datata 3 ta` Novembru 2022, iffirmata mill-intimat Kummissarju, u dan abbażi tal-Artikolu 10 (a), (i) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita (Kap 389 tal-Liġijiet ta` Malta, għar raġuni illi, "instab ħati ta` reat gravi";*

*Illi, l-esponent għandu kondotta nadifa, salv illi fil-fedina penali fejn wara deċiżjoni mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell datata 11 ta` Jannar 2007,*[1] *(ergo 15 il-sena ilu) fejn huwa kien akkużat "b attentat ta` ferita gravi", huwa fil-fatt* ***instab ħati ta` ferita ħafifa****, u, filwaqt li kien illiberat mill-akkuża ta` ħsara volontarja, ingħata sentenza ta` 8 xhur priġunerija sospiżi għal tlett (3) snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9;*

1 Appell Nru: 322/2006 JGD

*Issa jsegwi illi, l-Artikolu ċitat bħala raġuni għal tali rifjut mill-intimat, jipprovdi illi ir-reat li tiegħu jrid jkun instab ħati applikant għal tali liċenzja jrid jkun wieħed ċertifikat bħala gravi.Fill-fatt anka l istess ittra mibgħuta lil esponent, tinċita' raġuni illi l esponent instab ħati ta` reat gravi, meta fis-sentenza u akkużi li l esponent kien akkużat bihom, qatt ma kien hemm akkuża li huwa ikkommetta ferita ta` natura gravi fuq terzi, iżda biss, attentat ta` ferita gravi, akkuża illi fil-kamp penali ilha diskuttibbli kemm tista teżisti meta mhux possibbli jkun determinat kif persuna jkollha l ħsieb espress li tikkommetti ferita gravi meta fil-fatt jkun ikkommetta ferita ħafifa!;*

*Illi l esponent, tant huwa affidabbli li preżentament għandu tag maħruġa minn Transport Malta ta` xufier trukkijiet li ġġieb n numru: 7036, kif wkoll permess (tag) Nru: 8878 maħruġ mill-Malta Freeport & Terminals Ltd, sabiex l esponent jsuq u jaċċedi għal ġewwa t Terminal tal-Freeport bit-trukkijiet misjuqa minnu;*

*Illi in vista tat-trapass ta` ħmistax il-sena mis-sentenza li tagħha l esponent instab ħati li ikkaġuna ferita ħafifa u mhux gravi, u in vista l fiduċja li huwa jgawdi kemm mill-INDIS Malta Ltd, ċjoe soċjeta li timpjegah, kif wkoll minn TM u l Malta Freeport Terminals Ltd, kif wkoll il-fatt li minn dak inhar tad-data meta seħħ l inċident ġewwa Ħal Qormi, ċjoe l imputazzjonijiet dedotti kontrieh inzijalment, l esponent umilment in vista tas-suespost, jitlob lil dan l Onorabbli Tribunal sabiex jikkunsdra dan l appell, u ċjoe jħassar ir-rifjut tal-intimat Kummissarju tal-Pulizija, ħalli tinħariġlu l-liċenzja ta` Gwardjan Privat li għalijha huwa applika, bl-ispejjeż kontra l -amministrazzjoni Pubblika konċernata fl-appell odjern.*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** ippreżentata fl-20 ta' Diċembru 2022 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *Illi in vena preliminari l-esponent jistqarr li l-azzjoni hija irrita' u nulla għaliex ir-rikors mhuwiex fil-forma rikjesta mill-Artikolu 15 tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, dwar l-ilment tar-rikorrent, jissokta jingħad li dan diġa' ġie deċiż minn dan l-Onorabbli Tribunal bis-saħħa tas-sentenza datata 28 ta' Settembru 2015[2] fl-ismijiet hawn fuq premessi. Għalhekk isegwi li ġialadarba li m'hemm l-ebda ċirkostanzi jew fatti ġodda relatati ma dan il-każ odjern li għandha tbiddel l-fehma ta' dan l-Onorabbli Tribunal, dan l-ilment m'għandux jerġa' jiġi mistħarreġ;*

3. *Illi esponent jeċċepixxi illi t-talba tar-rikorrent hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li ma jikkonċediex il-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrent skont dak kontemplat fl-Artikoli 10(a)(i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

4. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrent instab ħati li wettaq diversi reati matul iż-żmien, fosthom li fis-sena 2006 talli "<u>permezz ta' strument li jaqta u jniggeż (sikkina), ikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa..., dolożament bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Ħal Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u</u>*

[2] Rik nru 75/14

*ta bidu għall-esklużjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tiegħu....żamm u ġarr strument li jaqta u li jniggeż (sikkina) mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija...ħebb kontra Dorianne Vella u Jason Vella sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmilhom ħsara". Dan ir-reat flimkien ma' oħrajn huma lkoll elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. COP' u r-reat hawn fuq imsemmi, jikkostitwixxi delitt gravi ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan kif ser jiġi wkoll trattat fil-mori ta' dan ir-rikors;*

5. *Peress li r-reati hawn fuq imsemmija u kif ukoll dawk li jinsabu elenkati fil-fedina penali huma delitti gravi ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, l-esponent jikkunsidra li dan ir-reat kif ukoll l-oħrajn kommessi mir-rikorrent huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrent għandu jkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat (ara* ***Mary Grace Gravina vs Il-Kummissarju tal-Pulizija, Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva***[3] *deċiża fis-26 ta' Lulju 2021);*

6. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitti gravi oħra" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-artikolu), l-istess artikolu ma ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda* ***jimponi obbligu fuq il-Kummissarju*** *li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta` liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

7. *Illi f'dan il-każ il-leġiżlatur ried illi persuni li jkunu nstabu ħatja ta' reati ta' ċertu gravita` ma għandhomx jiġu mħollija jagħmlu x-xogħol ta' gwardjan privat, u dan minħabba n-natura sensittiva ta' dan ix-xogħol, u l-ħtieġa li gwardjan privat għandu jkun persuna b'karattru affidabbli. Naturalment li kieku l-leġislatur kellu l-intenzjoni li jagħti xi tip ta' diskrezzjoni allura huwa kien isemmiha fil-liġi u dan in omaġġ għall-prinċipju ubi lex voluit dicit, ubi noluit tacuit;*

8. *Illi dwar il-fatt li r-rikorrent ma kellux intenzjoni li jikkawża feriti gravi, l-esponent jistqarr li din il-materja mhijiex kompitu ta' dan l-Onorabbli Tribunal għaliex huwa fatt li ġie konfermat mill-Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza li nqattet kontra r-rikorrent fil-11 ta' Jannar 2007. Madanakollu, l-esponent jaqbel mill-imsemmija Onorabbli Qorti meta qalet " Issa hu risaput li l-intenzjoni tista' tiġi intuwita w dedotta mill-provi indizjarji w miċ-ċirkostanzi li jakkompanjaw l-att materjali. Min jaqbad arma taqta' u bil-ponta u ċioe' sikkina twila "10 inches" u jibda jxejjer biha, ma jagħmilx dan biex jagħmel "żiżi" lil dak li jkun. Kulħadd jaf x'jistgħu jkunu l-konsegwenzi ta' tixjir bis-skieken u l-appellant bħala bniedem f'sensieh u normali hu preżunt li kien jaf x'jkunu dawn il-konsegwenzi kieku laqat lill-allegat vittma";*

9. *Illi magħdud ma' dan, b'kull rispett jingħad illi ma jfissirx illi b'daqshekk ir-rikorrent huwa prekluż li jagħmel kull tip ta' xogħol, iżda jfisser biss illi ma jistax jagħmel xogħol ta' gwardjan privat. Jekk hemm xogħol illi r-rikorrent huwa kwalifikat għalih u kapaċi jagħmlu, ħadd ma qiegħed iżomm lir-rikorrent milli jagħmel tali xogħol. Għalhekk m'għandux x'jaqsam dak li jisħaq ir-rikorrent li ċjoe' huwa qiegħed ibagħti xi preġudizzju għax filfatt hu sempliċiment fatt li r-rikorrent, minħabba li wettaq reati*

[3] Rks 87/2020.

*kriminali ta' ċertu gravita', ma baqax jista' jikkwalifika biex jiġi fdat bil-liċenzja ta' gwardjan privat. Di' piu', u b'kull rispett dovut, il-fatt li r-rikorrent għandu liċenzja ta' xufier tat-trakkijiet ma jfissirx li huwa persuna affidabbli;*

10. *lli finalment* ***b'referenza għat-talba*** *hekk kif dedotta mir-rikorrent, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrent fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrent.*

Sema' lir-rikorrent u lill-Ispettur Sarah Magri.

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 3 ta' Novembru 2022, li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti:-

*"Nagħmel referenza għall-applikazzjoni tiegħek għall-ħruġ ta' liċenza ta' Gwardjan Privat.*

*Għandi ninfurmak li din l-applikazzjoni qed tiġi rrifjutata Ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta), peress illi jirriżulta li inti, instabt ħati ta' reat gravi.*

*Dan qiegħed isir wara li ġiet ikkunsidrata sentenza mogħtija fil-konfront tiegħek, mill-Qorti tal-Appell bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar il-11 ta' Jannar, 2007 dwar attentat t'offiża ta' natura gravi fost akkużi oħra, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tiġi mibdula.*

Ir-rikorrent xehed illi fl-2007 kien jaħdem ġewwa *casino* lokali fejn kellu argument ma' terz li kellu forn ħdejh rigward parkeġġ peress li dan it-terz kien dejjem jipparkja quddiem il-bieb tal-kantina tiegħu. Spjega li f'dak l-inċident spiċċa intlaqat minn sikkina u kien iddefenda ruħu. Spjega li llum il-ġurnata jaħdem bħala gwardjan privat mal-INDIS pero` talbuh il-liċenzja biex jaħdem bix-*shift*.

L-Ispettur Sarah Magri xehdet illi minn verifiki li saru rriżulta li r-rikorrent kien diġa' applika darb'oħra għal liċenzja ta' uffiċjal tal-komunita` pero` l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata, liema deċiżjoni ġiet konfermata minn dan it-Tribunal. Spjegat li l-

Kummissarju intimat ħareġ ir-rifjut tal-liċenzja fil-każ in eżami peress li kien tal-fehma illi r-reat imwettaq u li tiegħu nstab ħati permezz tas-sentenza tal-11 ta' Jannar 2007 kien jikkwalifika bħala "reat gravi" ai termini tal-artikolu 10 (i) (a) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jgħaddi biex jindirizza l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat, li permezz tagħha eċċepixxa li l-azzjoni hija irrita` u nulla għaliex ir-rikors mhuwiex fil-forma rikjesta mill-Artikolu 15 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi la waqt il-ġbir tal-provi u lanqas waqt it-trattazzjoni ma ssemmiet din l-eċċezzjoni. It-Tribunal għandu għaliex jifhem li l-Kummissarju intimat qajjem din l-eċċezzjoni għaliex mar-rikors promutur ma kienx hemm lista ta' xhieda. It-Tribunal ma jqisx illi dan in-nuqqas ippreġudika d-difiża tal-Kummissarju intimat għaliex ir-rikorrent ma ressaq ebda xhieda ħlief għax-xhieda tiegħu innifsu. Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

It-Tribunal se jinvesti issa l-mertu tal-kwistjoni, u ċioe` r-raġuni tar-rifjut abbażi tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan l-artikolu jgħid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju* ***għandu***[4] *jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(a) meta l-applikant jew xi uffiċjal tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu provduti mill-applikant*

> *(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi* ***delitt gravi ieħor****;"*

Illi fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' artikolu 10 (a) (i), il-Kummissarju ma għandux diskrezzjoni jekk joħroġx liċenzja jew le, ħlief limitatament meta jiġi biex jikklassifika jekk delitt imwettaq minn applikant, u li ma huwiex wieħed mir-reati msemmija espressament fl-istess sub-inċiż, jistax jiġi kkunsidrat bħala "delitt gravi" jew le.

Illi jirriżulta illi l-Kummissarju tal-Pulizija, fil-konsiderazzjoni tiegħu tal-applikazzjoni tar-rikorrent, ħa in konsiderazzjoni prinċipalment sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali datata 11 ta' Jannar 2007 u esebita mill-Kummissarju intimat.[5] Minn din is-sentenza jirriżulta illi r-rikorrenti ġie akkużat illi:

---

[4] Enfasi tat-Tribunal
[5] Dok SM1 a fol. 60

*"1. fil-wieħed u tletin ta' Jannar 2006 għal ħabta tal-ħamsa w kwart ta' filgħodu f'Ħal Qormi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Jason Vella f'perikolu ċar, permezz ta' strument li jaqta' u jniggeż [sikkina], ikkaġunalu feriti ta' natura ħafifa hekk kif iċċertifika Doctor Noel Cassar tal-isptar San Luqa;*
*2. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, dolożament bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Ħal Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta tiegħu;*
*3. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ikkaġuna offiżi ta' natura ħafifa permezz ta' strument li jaqta u li jniggeż fuq il-persuna ta' Jason Vella, hekk kif ċċertifikat minn Doctor Noel Cassar MD fl-isptar San Luqa;*
*4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċioe ħwejjeġ li huma proprjeta ta' Jason Vella, liema ħsara tammonta għal aktar minn għaxar liri maltin iżda inqas minn ħamsin lira maltin għad-dannu ta' Jason Vella;*
*5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, fil-ħin li huwa kien qiegħed jagħmel delitt kontra persuna, kellu fil-pussess tiegħu strument li jaqta u li jniggeż;*
*6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, żamm u ġarr strument li jaqta u li jniggeż (sikkina) mingħajr liċenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;*
*7. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, voluntarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;*
*8. ħebb kontra Dorianne Vella u Jason Vella sabiex jinġurjhom, idejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara."*

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet lir-rikorrent ħati tal-akkużi kollha barra r-raba' waħda u kkundannatu għal piena ta' tmien xhur priġunerija sospiżi għal tlett snin. Illi permezz tas-sentenza ċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Istanża in kwantu ta' piena b'dana pero` li rriformatha biss fis-sens li astjeniet milli tieħu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni peress li hija l-istess waħda kontenuta fl-ewwel imputazzjoni u kif ukoll iddikjarat li l-ewwel, il-ħames u s-seba' imputazzjoni huma għall-fini tal-piena assorbiti fit-tieni imputazzjoni a tenur tal-artikolu 17 (h) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi minn ħarsa lejn id-delitti li tagħhom instab ħati r-rikorrenti jirriżulta illi l-aktar gravi huma dawk ta' tentattiv ta' ferita gravi u li żamm u ġarr sikkina mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija. Illi għalhekk, kuntrarjament għal dak sottomess fir-rikors promutur, ir-rikorrent ma nstabx ħati biss ta' ferita ħafifa iżda wkoll ta' tentattiv ta' ferita gravi.

Issa kif ġie enfasizzat iktar 'il fuq, artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 ma jħalli l-ebda tip ta' diskrezzjoni fuq il-Kummissarju tal-Pulizija meta jiġi biex jiddeċiedi jekk applikazzjoni għal liċenzja ġdida ta' gwardjan privat jew tiġdid tal-istess liċenzja

tintlaqax jew le. Skond l-artikolu ċitat, il-Kummissarju tal-Pulizija **ghandu d-dmir** li jirrifjuta tali applikazzjoni.[6]

Illi kif ġia` ġie aċċennat iktar 'il fuq, ir-rikorrent ġie misjub ħati talli, fost oħrajn, *"dolożament, bil-ħsieb li jikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Jason Vella minn Ħal Qormi, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt billi xejjer l-imsemmija sikkina fid-direzzjoni tiegħu, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta tiegħu".* Illi dan ifisser illi r-rikorrent ġie akkużat u misjub ħati ta' tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna. Illi l-Kummissarju intimat ikklassifika dan ir-reat, imwettaq b'arma (sikkina) bħala "reat gravi" ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u kwindi kien għalhekk li ħareġ ir-rifjut għall-applikazzjoni tar-rikorrent.

Illi filwaqt li t-Tribunal japprezza illi għaddew ħafna snin minn meta twettaq dan ir-reat, josserva illi meta l-liġi titkellem fuq "reat gravi ieħor" ma tispeċifika l-ebda ammont ta' żmien li jista' jgħaddi biex il-Kummissarju intimat jista' jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu u joħroġ liċenzja favur applikant.

Id-difensur tar-rikorrent saħaq ħafna illi minn meta twettqu dawn ir-reati għaddew iktar minn sittax-il sena u li r-rikorrent kien il-vittma ta' dan l-inċident. Madanakollu, ċertament dan it-Tribunal ma jistax jidħol fil-mertu tas-sentenza hekk kif deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali. It-Tribunal ma għandu ebda kompetenza ta' xi qorti tat-tielet istanza li jerġa' jiftaħ proċeduri ta' natura kriminali u li per di piu` huma *res judicata*.

Illi anke jekk għall-grazzja tal-argument, it-Tribunal jikkonċedi li persuna tista' tirriabilita ruħha u żammet 'il bogħod minn dawn il-Qrati,[7] huwa għal kollox inutili li wieħed jisħaq li l-Kummissarju jista' jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu mod ieħor, għax fil-verita` tali diskrezzjoni, fejn si tratta ta' rifjut abbażi ta' reati gravi, ma teżistix.

Illi dan it-Tribunal josserva illi l-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni jekk applikant ikun wettaq offiża gravi fuq il-persuna. Issa f'dan il-każ, ir-reat prinċipali, huwa dak ta' **tentattiv ta' offiża gravi fuq il-persuna.** Illi fil-fehna ta' dan it-Tribunal, tentattiv ta' offiża gravi fuq persuna b'arma għandu jiġi klassifikat bħala reat gravi għaliex ir-reat ta' offiża gravi ma jkunx seħħ minħabba xi ħaġa indipendenti mill-volonta` tal-aggressur. Illi kif diġa kien qal dan it-Tribunal fis-sentenza tiegħu tat-28 ta' Settembru 2015 fl-istess ismijiet, *"dan it-Tribunal ma jsib xejn x'jiċċensura mid-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat għaliex huwa tal-fehma illi fit-tentattiv ta' offiża gravi hemm element ta' gravita` li wieħed ma jistgħax jinjora. Wieħed ukoll ma jistgħax jinjora t-temperament tar-rikorrent li skond is-sentenza esebita mar fir-residenza tal-vittma u attakkah. Lanqas ma jista' wieħed jinjora li dan l-episodju kellu segwitu tlett snin wara, għalkemm il-portata tal-inċident tal-2009 kienet ferm inqas."*

---

[6] L-uniku diskrezzjoni li għandu l-Kummissarju intimat hu meta si tratta ta' "reat gravi ieħor" li ma jaqax fost dawk elenkati fl-istess artikolu 10 (a) (i).

[7] Għalkemm mhux il-każ tar-rikorrent għax reġa' kellu każ ieħor, għalkemm mhux tal-istess gravita`, fl-2009 kif jirriżulta mill-fedina penali esebita bħala Dok. RM1 a fol. 80 sa 84.

Illi fiċ-ċirkostanzi, it-Tribunal, huwa tal-fehma illi l-Kummissarju intimat uża d-diskrezzjoni fdata f'idejh b'mod raġjonevoli meta kklassifika d-delitt imwettaq mir-rikorrent bħala wieħed "gravi". Illi dan it-Tribunal ma jistax jarroga fuqu xi diskrezzjoni speċjali li ma għandux il-Kummissarju tal-Pulizija u jieħu in konsiderazzjoni l-fattur tat-trapass ta' żmien. It-Tribunal jirrileva illi fejn il-leġislatur ħass li, wara ċertu trapass ta' żmien minn meta persuna tkun instabet ħatja ta' ċertu reati, għandu jikkunsidra jagħtix jew le l-liċenzja, dan stipulah espressament fil-liġi kif jirriżulta minn Artikolu 10 (v) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi għaldaqstant it-Tribunal ma jsib xejn irraġjonevoli fid-deċiżjoni appellata stante li l-istess ittieħdet fil-parametri li tiddetta l-liġi.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi, fit-termini hawn fuq enunċjati, jiċħad l-appell tar-rikorrent u filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat, jilqa' l-eċċezzjonijiet rimanenti.

Bl-ispejjeż a karigu tar-rikorrent.

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**